

5) *Fil-Kawża T-396/05, ArchiMEDES hija kkundannata tbat, barra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni, inklużi dawk tal-proċedura għall-miżuri provviżorji fil-Kawża T-396/05 R.*

6) *Fil-Kawża T-397/05, ArchiMEDES hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk tal-proċedura għal miżuri provviżorji fil-Kawża T-397/05 R.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 74, 25.3.2006.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-10 ta' Ġunju 2009 — Vivartia vs UASI — Kraft Foods Schweiz (milko ΔΕΛΤΑ)**

(Kawża T-204/06) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva milko ΔΕΛΤΑ — Trade mark figurattiva preċedenti MILKA — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2004]”)*

(2009/C 180/80)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Vivartia ABEE Proïonton Diatrofis kai Ypiresion Estiasis, li qabel kienet Delta Protypos Viomichania Galaktos AE (Tavros, il-Greċja) (rappreżentanti: P.-P. Kanellopoulos u V. Kanellopoulos, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, Kraft Foods Schweiz Holding AG (Zurich, l-Iżvizzera) (rappreżentanti: T. de Haan u P. Péters, avukati)*

#### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ġunju 2006 (Każ R 540/2005-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kraft Foods Schweiz Holding AG u Delta Protypos Viomichania Galaktos AE.

#### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Vivartia ABEE Proïonton Diatrofis kai Ypiresion Estiasis hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 224, 16.9.2006

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Ġunju 2009 — Il-Greċja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-33/07) (<sup>1</sup>)

*(“FAEGG — Taqsima ‘Garanzija’ — Infiq eskluż mill-finanzjament Komunitarju — Żejt taż-żebbuġa, qoton, passolina u frott taċ-ċitru — Nuqqas ta’ osservanza tat-termini ta’ ħlas — Terminu ta’ 24 xahar — Evalwazzjoni tal-infiq li għandu jiġi eskluż — Kontrolli importanti — Prinċipju ta’ proporzjonalità — Prinċipju ta’ ne bis in idem — Estrapolazzjoni tal-konstatazzjonijiet ta’ nuqqasijiet”)*

(2009/C 180/81)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: I. Chalkias u G. Kanellopoulos, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: H. Tserepa-Lacombe, F. Jimeno Fernández, aġenti, assistiti minn N. Korogiannakis, avukat)

#### Suġġett

Talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/932/KE, tal-14 ta' Diċembru 2006, li teskludi mill-finanzjament Komunitarju ċertu infiq magħmul mill-Istati Membri taħt it-Taqsima “Garanzija” tal-Fond Agrikolu Ewropew dwar Gwida u Garanzija (FAEGG) (ĠU L 355, p. 96), sa fejn din id-deċiżjoni tikkonċerna ċertu infiq magħmul mir-Repubblika Ellenika fis-setturi taż-żejt taż-żebbuġa, tal-qoton, tal-passolina, tal-frott taċ-ċitru u tal-kontroll finanzjarju.

#### Dispożittiv

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 82, 14.4.2007.